Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2020/0279(COD)

9.12.2021

EMENDI
166 - 449

Abbozz ta' rapport
Tomas Tobé
(PE698.950v01-00)

Il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]

Proposta għal regolament
(COM(2020)0610 – C9-0309/2020 – 2020/0279(COD))

Emenda 166
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt***;	1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni u jirreferi t-test lura lill-Kummissjoni***;

Or. en

Emenda 167
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt***;	1. ***Jirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni***;

Or. en

Emenda 168
Damien Carême

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ***il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni*** u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Fond għall-Migrazzjoni u l-	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ***l-allokazzjoni tar-responsabbiltà u l-eżerċitar tas-solidarjetà għall-ażil*** u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u r-Regolament propost (UE)

Ażil] (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	XXX/XXX [Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Emenda 169
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ***il-ġestjoni*** tal-ażil ***u l-migrazzjoni*** u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ***il-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u s-solidarjetà fil-qasam*** tal-ażil u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu.) L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet tul it-test kollu li jikkorrispondu.)*

Or. en

Emenda 170
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ***il-ġestjoni tal-ażil*** u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Fond għall-Migrazzjoni u l-	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ***l-ażil*** u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]

Ażil]
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Emenda 171
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) u l-Artikolu 79(2)(a),(b) u (c) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) u l-Artikolu 79(2)(a),(b) u (c) tiegħu, ***u l-Artikolu 80,***

Or. en

Emenda 172
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) u ***l-Artikolu 79(2)(a),(b) u (c) tiegħu***,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) u ***l-Artikolu 79***,

Or. en

Emenda 173
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil**,** l-immigrazzjoni ***u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni***, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, ***li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil ***u*** l-immigrazzjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, ***li tirrispetta u tiggarantixxi bis-sħiħ id-drittijiet ta' ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***kif ukoll ta' persuni mingħajr Stat skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi***.

Or. en

Emenda 174
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà ***u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà*** bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 175
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi ***tas-solidarjetà*** bejn l-Istati Membri***, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi ***tal-kooperazzjoni leali*** bejn l-Istati Membri ***u abbażi tal-prevenzjoni u d-deterrenza tal-immigrazzjoni illegali, inklużi t-tluq u t-tranżitu illegali***.

Or. en

Emenda 176
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq ***il-persuni*** fuq il-fruntieri interni ***u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil,*** l-immigrazzjoni ***u l-ġestjoni*** tal-fruntieri esterni ***tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati*** Membri***, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq ***iċ-ċittadini*** fuq il-fruntieri interni ***tal-Istati Membri u tappoġġa lill-Istati Membri biex jikkoordinaw u jikkooperaw sabiex iwaqqfu*** l-immigrazzjoni ***illegali*** u ***jipproteġu l-integrità*** tal-fruntieri esterni ***bil-għan li jiżguraw is-sikurezza taċ-ċittadini fl-Istati*** Membri ***u jipproteġu l-istil ta' ħajja Ewropew***.

Or. en

Emenda 177
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u ***l-ġestjoni*** tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u***, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi nazzjonali,*** jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u ***l-protezzjoni effettiva*** tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 178
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li ***tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli*** fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u ***jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri*** esterni tal-Unjoni, abbażi ***tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li ***tippermetti użu flessibbli tal-kontrolli*** fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u ***tassisti fil-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Istati Membri fil-fruntieri*** esterni tal-Unjoni, abbażi ***tar-responsabbiltà nazzjonali u interess konġunt biex jiġi ppreservat l-Istil ta' Ħajja Ewropew, li qed jiġi mhedded***.

Or. en

Emenda 179
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, ***l-immigrazzjoni*** u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri***, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura***, fejn ikun possibbli,*** li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, ***il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali*** u l-ġestjoni ***rigoruża*** tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 180
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li ***tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli*** fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.	(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li ***tillimita l-kontrolli*** fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. fr

Emenda 181
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 182
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 183
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma ***tal-ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***fuq*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat.	(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***minn*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat. ***L-objettiv primarju tal-Unjoni jenħtieġ li jkun li jiġu evitati l-flussi migratorji. Għal dan il-għan, il-pedament tal-politika jenħtieġ li jkun il-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni. Dan huwa prerekwiżit għal kwalunkwe politika dwar il-migrazzjoni fattibbli u sostenibbli fl-Unjoni.***

Or. en

Emenda 184
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri ***li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat***.	(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri***, filwaqt li jiġu żgurati l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u r-rispett sħiħ tad-drittijiet ta' dawk li jfittxu l-ażil, tar-rifuġjati u tal-migranti***.

Or. en

Emenda 185
Charlie Weimers, Peter Kofod, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li ***tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma'*** pajjiżi terzi ***rilevanti***, ***ir-rikonoxximent*** li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat***.	(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li ***tiġi assigurata l-fruntiera esterna u jitneħħew il-fatturi ta' attrazzjoni li jinċentivaw lill-migranti minn*** pajjiżi terzi ***biex jiġu fl-Istati Membri***, ***filwaqt li jiġi rikonoxxut*** li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***minn komunikazzjoni ċara u konċiża mal-bqija tad-dinja li dawk li jidħlu illegalment fl-UE awtomatikament se jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom għall-ażil***.

Or. en

Emenda 186
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***fuq*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt ***u*** b'mod integrat.	(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***minn*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt***,*** b'mod integrat***, u jiġu implimentati kif xieraq***.

Or. en

Emenda 187

Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi ***rilevanti***, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***fuq*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat.	(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***minn*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat.

Or. en

Emenda 188
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat***.	(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi ***primarjament mill-protezzjoni tal-fruntieri esterni***.

Or. en

Emenda 189
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi ***jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u*** tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni***, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex ***jippruvdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal*** dawk ***fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***, biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni ***irregolari*** kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati ***bejniethom***, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ***ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv***.	(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi ***jippermetti azzjonijiet unilaterali kif ukoll konġunti*** tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex ***jipprevedu s-sigurtà interna taċ-ċittadini tagħhom billi jillimitaw il-kundizzjonijiet għall-akkoljenza ta'*** dawk ***li jkunu qed ifittxu ħajja aħjar fl-Ewropa***, biex jiġu rritornati ***b'pass aktar mgħaġġel u b'rata ogħla*** ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni ***illegali*** kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejn ***l-Istati Membri***, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ***volontarji***.

Or. en

Emenda 190
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal ***dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati*** Membri fil-qasam ***tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni*** tal-migrazzjoni***, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu ***l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali,*** biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***, biex tiġi evitata l-migrazzjoni ***irregolari*** kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra ***fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv***.

(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal ***proposta għall-kooperazzjoni bejn l-Istati*** Membri ***tal-Unjoni*** fil-qasam ***tal-kontroll*** tal-migrazzjoni ***illegali***. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li ***jikkunsidraw li*** jieħdu ***miżuri*** biex jiġu rritornati ċittadini ***illegali*** ta' pajjiżi terzi, biex tiġi evitata l-migrazzjoni ***illegali*** kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra ***sabiex jiġu miġġielda l-migrazzjoni illegali, il-frodi fil-qasam tal-ażil u atti kriminali oħra marbuta magħhom***.

Or. en

Emenda 191
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak ***l-approċċ komprensiv*** billi jistabbilixxi qafas komuni ***għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-***	(3) ***Fid-dawl tar-responsabbiltà sproporzjonata li qed titpoġġa fuq l-Istati Membri tal-ewwel dħul skont ir-Regolament (UE) 604/2013, huwa meħtieġ li titfassal sistema ġdida b'rispett sħiħ tal-Artikolu 78(1) tat-TFUE abbażi ta' kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u***

kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***(TFUE)***. L-Istati Membri ***għalhekk*** jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, ***biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv***.

s-solidarjetà bejn l-Istati Membri għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak ***l-għan*** billi jistabbilixxi qafas komuni ***għad-distribuzzjoni awtomatika tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali madwar l-Unjoni*** Ewropea***, inkluż wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ***. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, ***u biex jikkondividu r-responsabbiltà madwar l-Unjoni Ewropea għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 192
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam ***tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni***, billi ***telabora*** fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u	(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam ***tal-ażil***, billi ***jirrispetta u jelabora*** fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati

kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***, biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom,*** u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonal u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

Or. en

Emenda 193
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, ***biex jiġu***	(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, ***filwaqt li***

rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

jippromwovi perkorsi sikuri u legali, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

Or. en

Emenda 194
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom	(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ***b'mod effettiv*** ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ

għall-approċċ komprensiv.

komprensiv.

Or. fr

Emenda 195
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet ***tal-Unjoni u*** tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu ***l-miżuri kollha meħtieġa***, inter alia, biex ***jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn,*** li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ***ċittadini*** ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ***biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u*** biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.	(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Istati Membri ***u tal-Unjoni*** fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu ***miżuri***, inter alia, biex ***jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari u l-movimenti mhux awtorizzati bejniethom,*** li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ***malajr iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv***, u jiġi pprovdut aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati lil dawk biss li huma intitolati għalihom***.

Or. en

Emenda 196
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-asil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi ***telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati ***għal dawk fil-bżonn***, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***, biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u*** biex ***jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà,*** bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.	(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-asil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni***, billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-isħubija ma' pajjiżi terzi***. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati ***għal rifuġjati ġenwini bid-dritt għall-asil***, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex ***tiġi evitata u skoraġġuta l-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni,*** jiġu rritornati ***malajr*** ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ***u tiġi appoġġata l-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-pajjiżi terzi ta' oriġini jew ta' tranżitu*** biex ***jiġi evitat it-tluq illegali*** bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

Or. en

Emenda 197
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li	(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li

jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u ***l-ġestjoni tal-migrazzjoni***, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni ***irregolari*** kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u ***l-migrazzjoni***, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inter alia, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ***malajr*** ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni ***illegali*** kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

Or. en

Emenda 198
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri	***imħassar***

mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.

Or. en

Emenda 199
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 200
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni,	(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni,

it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment ***fl-Istati Membri***, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.	it-trattament ġust ***u dinjituż tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment ***jew dawk soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom f'kull Stat Membru, ir-ritorn ġust u effiċjenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għar-residenza fit-territorju tal-Istati Membri,*** kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali***, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali*** u t-traffikar tal-bnedmin.
	Or. en

Emenda 201
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***residenti legalment*** fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni ***u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin***.	(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ***u dinjituż*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom*** fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni ***tal-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-migranti, bl-iżvilupp ta' perkorsi legali***. ***Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi wkoll benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, persuni risistemati jew ammessi kif ukoll persuni mogħtija protezzjoni immedjata.***
	Or. en

Emenda 202
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.	(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri***, ir-ritorn malajr ta' dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għar-residenza fit-territorju tal-Istati Membri,*** kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali***, inkluż it-tluq illegali minn pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali*** u t-traffikar tal-bnedmin.

Or. en

Emenda 203
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-qafas ***komuni*** jenħtieġ li ***jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u dik*** tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li ***tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-***	(4) Il-qafas jenħtieġ li ***jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward*** tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li ***tipprevjeni u tiġġieled*** l-immigrazzjoni illegali ***u l-faċilitazzjoni ta'***

migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ***u t-traffikar tal-bnedmin***.

immigrazzjoni illegali.

Or. en

Emenda 204
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***residenti legalment*** fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni ***illegali*** u t-traffikar tal-bnedmin.	(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ***u dinjituż*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom*** fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni ***irregolari, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali*** u t-traffikar tal-bnedmin.

Or. en

Emenda 205
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dik tal-politika dwar il-***	(4) L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura ***li d-dħul illegali ma jkunx possibbli jew jiġi ppremjat, li l-***

migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura ***l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri***, kif ukoll il-prevenzjoni ***u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni*** illegali ***u t-traffikar tal-bnedmin***.

fatturi ta' attrazzjoni jiġu mminimizzati, kif ukoll il-prevenzjoni ***tal-immigrazzjoni*** illegali ***u tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali inkluż billi jitwettqu kampanji ta' komunikazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu biex jiġu identifikati l-flussi tal-migrazzjoni minn qabel***.

Or. en

Emenda 206
Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ	***imħassar***

ukoll li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-użu tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 254
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. ***Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-użu tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.***	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn.

Or. fr

Emenda 255
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma

applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija ***humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn***. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ***ukoll*** li jkunu jistgħu jiddependu ***fuq l-użu tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli***.	applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija ***kinux qed jipprovdu aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali fit-territorju tagħhom u jekk kinux qed jikkonformaw mal-prinċipju ta' non-refoulement***. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu ***minn mekkaniżmu ta' distribuzzjoni awtomatika li jipprevedi r-rilokazzjoni tal-applikanti***.
	Or. en

Emenda 256
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. ***Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-użu tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.***	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn.
	Or. en

Emenda 257
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. ***Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-użu tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.***	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn.

Or. en

Emenda 258
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li ***jkunu*** jistgħu jiddependu ***fuq l-użu tal-"grupp*** ta' solidarjetà" ***għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli***.	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li ***dejjem ikunu*** jistgħu jiddependu ***mill-kontribuzzjonijiet*** ta' solidarjetà ***previsti fl-Artikolu 45 u, jekk ikunu taħt pressjoni migratorja, fuq dawk previsti fl-Artikolu 51(3)***.

Or. en

Emenda 259
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, ***irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni,*** ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu ***fuq l-użu*** tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu ***mill-użu*** tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 260
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw

sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu ***fuq l-użu tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni*** ta' persuni vulnerabbli.	sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu ***mill-użu tar-rilokazzjoni*** ta' persuni vulnerabbli.

Or. it

Emenda 261
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Għall-implimentazzjoni effettiva ***tal-qafas*** komuni u biex jiġu identifikati l-lakuni***,*** jiġu indirizzati l-isfidi ***u jiġi evitat li tinbena pressjoni migratorja***, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar is-sitwazzjoni migratorja.	(13) Għall-implimentazzjoni effettiva ***tas-sistema*** komuni ***bbażata fuq is-solidarjetà*** u biex jiġu identifikati l-lakuni ***u*** jiġu indirizzati l-isfidi, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar ***l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-ażil***. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni.***

Or. en

Emenda 262
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas komuni u biex jiġu identifikati l-lakuni, jiġu indirizzati l-isfidi u jiġi evitat li tinbena pressjoni ***migratorja***, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar is-sitwazzjoni ***migratorja***.	(13) Għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas komuni u biex jiġu identifikati l-lakuni, jiġu indirizzati l-isfidi u jiġi evitat li tinbena pressjoni migratorja fuq is-sistemi ***tal-ażil u tal-akkoljenza***, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar is-sitwazzjoni ***tal-ażil***.

Or. en

Emenda 263
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas komuni u biex jiġu identifikati l-lakuni, jiġu indirizzati l-isfidi u jiġi evitat li tinbena pressjoni migratorja, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar is-sitwazzjoni migratorja***.	(13) Għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas komuni u biex jiġu identifikati l-lakuni, jiġu indirizzati l-isfidi u jiġi evitat li tinbena pressjoni migratorja, il-Kummissjoni jenħtieġ li ***taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 264
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Sabiex jiġi żgurat funzjonament bla xkiel tar-rilokazzjoni tal-applikanti u tal-benefiċjarji skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni. Il-Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni jenħtieġ li jingħata l-kompitu li jimmonitorja u jikkoordina l-aspetti operazzjonali tar-rilokazzjonijiet, jenħtieġ li jaġixxi bħala punt ċentrali ta' kuntatt u informazzjoni u jenħtieġ li jassisti fis-soluzzjoni tal-kunflitti li jirriżultaw bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Koordinatur tal-UE għar-Rilokazzjoni jenħtieġ li, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Aġenzija għall-Asil, jippromwovi wkoll

metodi ta' ħidma koerenti, għall-verifika ta' kwalunkwe rabta sinifikattiva li l-persuni eliġibbli għal rilokazzjoni jista' jkollhom ma' Stati Membri ta' rilokazzjoni. L-uffiċċju tal-Koordinatur għar-Rilokazzjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut b'biżżejjed persunal u riżorsi biex jissodisfa dan ir-rwol b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 265
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fid-dawl tas-sitwazzjonijiet migratorji reċenti li qed jinbidlu malajr, li wasslu għal sfidi migratorji kumplessi u pressjoni migratorja konsiderevoli fuq Stati Membri individwali tul il-fruntiera esterna tal-Unjoni, hemm il-ħtieġa li jiġi introdott mekkaniżmu ġdid meta Stat Membru jkun f'riskju ta' pressjoni migratorja. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jinkludi rispons rapidu u komprensiv mill-Kummissjoni u mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni biex jipprovdu appoġġ operazzjonali, legali, diplomatiku u finanzjarju lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' pressjoni migratorja.

Or. en

Emenda 266
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Sabiex tiġi ġestita b'mod effettiv il-fruntiera esterna tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-fruntieri indipendenti bil-għan li tiġi żgurata l-konformità tagħha mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, kif ukoll id-dritt tal-Unjoni u internazzjonali.

Or. en

Emenda 267
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Biex jitnaqqas ir-riskju ta' pressjoni migratorja, u sabiex tiġi evitata u identifikata l-migrazzjoni irregolari, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu azzjonijiet għal ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri. F'konformità mal-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament 2021/1148, dan jenħtieġ li jinkludi l-finanzjament tal-infrastruttura, tal-bini, tas-sistemi u tas-servizzi meħtieġa fil-punti ta' qsim tal-fruntieri u għas-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri.

Or. en

Emenda 268
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.	***imħassar***

Or. en

Emenda 269
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza	***imħassar***

tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.

Or. en

Emenda 270
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Politika ta' ritorn*** effettiva ***hija element*** essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb ***tal-ġestjoni*** tal-ażil ***u l-migrazzjoni*** tal-Unjoni***, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw***. ***Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.***	(14) ***Implimentazzjoni*** effettiva ***tal-acquis tal-UE dwar l-ażil b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà huma elementi*** essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ażil tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 271

Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.	(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn. ***It-tluq volontarju jenħtieġ li dejjem ikun ippreferut u ffaċilitat aktar mit-tneħħija. Ir-ritorn ta' wild minuri jista' jsir biss meta jinstab li jkun fl-aħjar interess tal-wild minuri wara proċedura tal-aħjar interess. Jenħtieġ li dan ma jinvolvix l-użu tal-forza jew restrizzjonijiet fiżiċi jew forom oħra ta' koerċizzjoni kontrihom jew kontra l-membri tal-familja tagħhom.***

Or. en

Emenda 272
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.	(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-żil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn. ***It-tluq volontarju jenħtieġ li dejjem ikun ippreferut u ffaċilitat aktar mit-tneħħija obbligatorja. Ir-ritorn ta' tfal mhux akkumpanjati jista' jsir biss meta jkun fl-aħjar interess tagħhom u jenħtieġ li ma jinvolvix l-użu tal-forza jew restrizzjonijiet fiżiċi jew forom oħra ta' koerċizzjoni kontrihom.***

Or. en

Emenda 273
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li ***jirritornaw***. Minħabba li ***sehem*** sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***jista' jitqies bħala*** bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ	(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li ***jiġu ritornati malajr***. Minħabba li ***għadd*** sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***huma*** bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività

l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi ***tiżdied l-effiċjenza*** tar-ritorni ***u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn***, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.

tal-politika tar-ritorn. Billi jiżdied ***l-għadd*** tar-ritorni ***ta' dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li jkunu diġà preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jiġi evitat u skoraġġut it-tluq illegali ta' migranti minn pajjiżi terzi ta' oriġini jew ta' tranżitu, u l-għoti ta' aċċess għall-Unjoni Ewropea biss lil dawk il-migranti li verament jeħtieġu protezzjoni internazzjonali***, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk ***li jkunu ġenwinament*** fil-bżonn.

Or. en

Emenda 274
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb ***tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami***	(14) Politika ta' ritorn ***rapidu li tkun soda u*** effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb għal ***kwalunkwe Stat nazzjon***. ***Għalhekk huwa mħeġġeġ li l-Istati Membri kollha jiżguraw li jiġi organizzat l-ipproċessar ta' kwalunkwe talba għall-ażil ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi barra mit-territorju Ewropew; l-applikanti li jkunu rreġistraw fl-Unjoni jistgħu jinżammu f'detenzjoni, jekk jitqies meħtieġ; meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-applikant huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku, l-applikant għandu jinżamm f'detenzjoni mingħajr dewmien.***

ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.

Or. en

Emenda 275
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni ***tal-Unjoni***, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju ***tal-Unjoni*** jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u ***jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn***, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, ***u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess*** effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.	(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju ***tal-Istati Membri*** jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn ***u jiġu eliminati l-inċentivi għall-migrazzjoni ekonomika jew tal-istil ta' ħajja lejn l-Unjoni Ewropea permezz tal-implimentazzjoni tal-mudell Daniż ta' pproċessar ta' talbiet għall-protezzjoni internazzjonali u l-faċilitazzjoni tagħha f'ċentri ta' akkoljenza tal-Istati sħab ta' pajjiżi terzi***. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u ***ma jiġux mogħtija talbiet għall-protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istati Membri***, il-pressjoni fuq is-sistema tal-żil tonqos, ***u l-aċċess*** effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn ***ikun disponibbli b'mod aktar mifrux***.

Or. en

Emenda 276
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph

Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.	(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn***, filwaqt li jkun hemm konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' non-refoulement***. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn ***u l-kwalità tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u dwar l-ażil***.

Or. en

Emenda 277
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni	(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema ***ġusta u*** li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju

jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***jista' jitqies bħala*** bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.

tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw ***malajr***. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***huma*** bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk ***li ġenwinament huma*** fil-bżonn.

Or. en

Emenda 278
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb ***tal-ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni ***tal-Unjoni***, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li ***jirritornaw***. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.	(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ażil u l-migrazzjoni ***fl-Unjoni***, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li ***jiġu rritornati malajr***. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.

Or. en

Emenda 279
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-isponsorjar tar-ritorn.	***imħassar***
[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.	

Or. en

Emenda 280
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin

Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-isponsorjar tar-ritorn.	***imħassar***

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 281
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni	***imħassar***

ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-isponsorjar tar-ritorn.

---

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 282
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn ***u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment,*** huwa meħtieġ li ***jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-***	(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn ***ta' migranti illegali***, huwa meħtieġ li ***l-finanzjament u l-manodopera għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni jagħmlu enfasi fuq l-iżgurar*** tar-ritorn ***fil-pront ta' dawn il-migranti***.

koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] ***jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-isponsorjar*** tar-ritorn.

---

38 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 283
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Biex*** tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat*** mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe	(15) ***Huwa meħtieġ li*** tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż*** fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***. Għalhekk, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw*** mekkaniżmu ġdid ***ta' kooperazzjoni***, ***inkluż billi jiġu stabbiliti sħubiji mfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi,*** li ***jkun*** jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati

informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-isponsorjar*** tar-ritorn.

Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. ***Dawn is-sħubiji jenħtieġ li jipprovdu qafas għal koordinazzjoni aħjar tal-politiki ma' pajjiżi terzi u joħolqu sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd għaż-żewġ sħab, u jkunu bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u r-rispett tal-valuri komuni tal-Unjoni***. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-isponsorizzazzjoni*** tar-ritorn.

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 284
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Biex*** tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u ***r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u*** l-Istati Membri ***jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-***	(15) ***Il-fatt li*** tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u ***li jiġu stabbiliti ċentri ta' akkoljenza fi stati sħab ta' pajjiżi terzi fejn isseħħ it-talba għal protezzjoni internazzjonali u l-faċilitazzjoni tagħha, inaqqas b'mod qawwi l-inċentivi għall-migrazzjoni ekonomika u tal-istil ta' ħajja lejn*** l-Istati Membri ***tal-Unjoni Ewropea***.

mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [38] ***jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-isponsorjar tar-ritorn.***

---

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 285
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***fil-qasam tar-ritorn*** u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid***,*** li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli***, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz***. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-	(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***fl-oqsma tal-kontroll fuq il-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari, għar-ritorn rapidu*** u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ***u l-prevenzjoni ta' tluq illegali***, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid***. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ*** li jinkludi l-politiki***, l-istrumenti*** u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni***, inklużi l-iżvilupp u l-kummerċ,*** li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe

implimentazzjoni ***tal-isponsorjar*** tar-ritorn.	informazzjoni oħra disponibbli ***u abbażi ta' kooperazzjoni kondizzjonali mal-UE dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni***. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-isponsorizzazzjoni*** tar-ritorn.
[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.	[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 286
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-isponsorjar*** tar-ritorn.	(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz***, id-drittijiet tal-bniedem u s-sjieda tal-pajjiżi terzi tal-prijoritajiet tal-iżvilupp tagħhom***. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-isponsorizzazzjoni***

tar-ritorn.

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 287
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[38]*** jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli***, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz***. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-isponsorjar*** tar-ritorn.	(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***fl-oqsma kollha tal-ġestjoni tal-migrazzjoni inklużi r-riammissjonijiet***, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE ***b'enfasi fil-qasam fil-politika dwar il-viżi u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp***, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni ***tal-isponsorizzazzjoni*** tar-ritorn.

38 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 288
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-prinċipju li l-fondi għall-għajnuna u l-iżvilupp jiddependu mill-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment kif deskritt fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020.

Or. en

Emenda 289
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-prekundizzjoni li l-għajnuna għall-iżvilupp jenħtieġ li tkun tiddependi mill-kooperazzjoni mal-Unjoni Ewropea dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Or. en

Emenda 290
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Sabiex timplimenta l-mekkaniżmu, l-Unjoni jenħtieġ li primarjament tapplika miżuri biex tipprevjeni l-qsim illegali tal-fruntieri, inkluż il-kostruzzjoni ta' barrieri fiżiċi għall-fruntieri tal-art kif ukoll imblukkar navali għall-fruntieri marittimi.

Or. en

Emenda 291
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 292
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex ***tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll*** bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li ***jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.***	(16) Sabiex ***jiġi żgurat*** bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***miżuri ta' kooperazzjoni effiċjenti, jiġifieri d-distribuzzjoni tal-migranti bid-dritt għall-ażil u l-isponsorjar tar-ritorn***.
	Or. en

Emenda 293
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li ***jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja*** Stat Membru.	(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li ***jipprevedi rilokazzjoni rapida, ġusta u effiċjenti. Ir-rilokazzjoni għandha tkun obbligatorja wara li jsiru żbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif ukoll il-wasla ta' applikanti f'sitwazzjoni vulnerabbli u awtomatika f'każijiet fejn l-ebda*** Stat Membru ***ma jkun jista' jiġi identifikat bħala responsabbli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II***.
	Or. en

Emenda 294
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.	(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru. ***Il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq għażla volontarja, imfassal skont il-kapaċitajiet individwali tal-Istati Membri, filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tagħhom.***

Or. en

Emenda 295
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà ***li jkun*** effettiv ***u li jiżgura li l-applikanti jkollhom*** aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal ***tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta***	(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà ***vinkolanti, mal-wasla u l-iżbark, inkluż wara attivitajiet u operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, sabiex jiġi żgurat*** aċċess ***effettiv u*** rapidu tal-applikanti għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ

għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.	li jipprovdi għal ***solidarjetà reali kif stabbilit fl-Artikolu 80 tat-TFUE, fost l-Istati Membri, ma' pajjiżi terzi, u lejn dawk li jfittxu l-asil skont il-proċedura prevista fl-Artikoli 14 u 45 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 296
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex ***tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn*** l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ***ta' solidarjetà li jkun effettiv*** u li jiżgura li ***l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru***.	(16) Sabiex ***jiġi żgurat li jitnaqqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni ekonomika u tal-istil ta' ħajja lejn*** l-Istati Membri ***tal-Unjoni Ewropea u tiġi implimentata politika ta' ritorn effettiva,*** jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ***ta' kontribuzzjoni volontarja li jirrispetta l-prijoritajiet politiċi nazzjonali*** u li jiżgura li ***l-Istati Membri jżommu l-kontroll li baqgħalhom fir-rigward tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-asil***.

Or. en

Emenda 297
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun	(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun

effettiv u li jiżgura li ***l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali***. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.	effettiv u li jiżgura li ***l-Istati Membri tal-ewwel wasla ma jkunux soġġetti għal piż żejjed minn għadd kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa***. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.

Or. en

Emenda 298
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà ***kif ukoll bilanċ tal-isforz*** bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li ***jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru***.	(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà ***abbażi tar-rilokazzjoni tal-applikanti*** li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li ***jiżgura li r-rabtiet tal-familja u rabtiet sinifikattivi oħra tal-applikant jiġu kkunsidrati***.

Or. en

Emenda 299
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.	(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli ***u prevedibbli,*** u kapaċi jadatta ***malajr*** għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.

Or. en

Emenda 300
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu ***jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà*** u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.	(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ***awtomatiku*** ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu ***prinċipalment jipprevedi r-rilokazzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil*** u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.

Or. it

Emenda 301
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. it

Emenda 302
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 303
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu	***imħassar***

ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 304
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 305
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 306
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 307
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 308
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u ***dan għandu*** jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u ***jenħtieġ li*** jitlaqqa' mill-Kummissjoni ***u jkun ippresedut mill-Koordinatur għar-Rilokazzjoni***. ***Sabiex jiġi żgurat teħid effettiv ta' deċiżjonijiet, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet f'isem l-Istati Membri matul il-laqgħat tal-Forum.***

Or. en

Emenda 309
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ***ta' solidarjetà*** stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ***ta' Solidarjetà*** li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.	(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' ***kontribuzzjoni volontarja*** stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' ***Kontribuzzjoni Volontarja*** li jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni ***wara approvazzjoni unanima mill-Kunsill***.

Or. en

Emenda 310
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(17a) Sabiex il-mekkaniżmu jiġi implimentat b'mod sostenibbli u jiġu skoraġġuti l-qsim illegali tal-fruntieri u l-ħatt l-art fit-territorju tal-UE, il-Kummissjoni appoġġata mill-aġenziji rilevanti tal-UE, jenħtieġ li tistabbilixxi ċentri tal-ipproċessar tal-ażil f'pajjiżi terzi, speċjalment f'dawk li jinsabu fin-naħa tan-Nofsinhar tal-baħar Mediterran. F'dawk il-faċilitajiet, il-persunal imħarreġ b'mod adegwat jenħtieġ li jipproċessa malajr l-applikazzjonijiet għall-ażil f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u internazzjonali u jistabbilixxi jekk l-applikanti jenħtieġx li jingħataw protezzjoni internazzjonali u b'hekk jiġu rilokati b'mod sikur lejn Stat Membru skont il-kriterji stabbiliti f'dan ir-regolament jew jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini.

Or. en

Emenda 311
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Koordinatur tal-UE għar-rilokazzjoni se jkun responsabbli għat-titjib tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà. Il-koordinatur jaħdem mill-qrib mal-Aġenzija għall-Ażil li tipprovdi l-appoġġ tekniku billi tistabbilixxi l-gwida ta' referenza ewlenija għad-distribuzzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil, tiżviluppa materjal ta' informazzjoni u tkun responsabbli għat-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha fil-każijiet kollha previsti skont

dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 312
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 313
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli	***imħassar***

għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.

Or. en

Emenda 314
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 315
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll	***imħassar***

jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.

Or. en

Emenda 316
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa ***minn Stati*** Membri ***jew minn*** organizzazzjonijiet privati***, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati*** Membri ***kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati*** wara ***dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja***.	(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa ***mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati*** Membri***, il-persuni żbarkati jenħtieġ li jitqassmu b'mod proporzjonat fost l-Istati Membri. Sabiex jiġi implimentat il-mekkaniżmu, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu lill-atturi privati milli jinterferixxu fil-proċessi migratorji billi jwettqu operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ li jistgħu jaġixxu bħala fattur ta' attrazzjoni għall-influssi migratorji. Kif urew l-investigazzjonijiet reċenti, hemm rabtiet stabbiliti sew bejn in-networks kriminali ta' faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin u*** organizzazzjonijiet privati ***li jaġixxu bħala faċilitaturi tal-migrazzjoni illegali bi ksur tad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti. L-Istati*** Membri jenħtieġ li ***jipprevedu sett ta' sanzjonijiet kriminali u amministrattivi f'każ ta' ksur tad-dritt nazzjonali. Meta, bi ksur tal-liġi eżistenti, ċittadin ta' pajjiż terz jinżel fit-territorju Ewropew*** wara ***operazzjoni illegali ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn organizzazzjoni privata, l-Istat Membru responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni jenħtieġ li***

jkun dak li jkun ipprovda permess ta' navigazzjoni lill-bastiment tal-iżbark.

Or. en

Emenda 317
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan*** ir-Regolament jenħtieġ li ***jipprevedi proċess speċifiku*** applikabbli għan-nies żbarkati wara ***dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja***.	(18) ***Il-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni awtomatiku previst f'dan*** ir-Regolament jenħtieġ li ***jkun*** applikabbli ***wkoll*** għan-nies żbarkati wara ***operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ***.

Or. en

Emenda 318
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki*** li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-	(18) ***Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà għandu japplika bl-istess mod għall-iżbarki*** li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll

migrazzjoni***, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja***.

jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni.

Or. it

Emenda 319
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba ***l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta'*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn ***Stati Membri jew minn*** organizzazzjonijiet privati, ***kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati*** Membri ***kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja***.	(18) Minħabba ***r-riskju speċifiku li joħolqu l-hekk imsejħa*** operazzjonijiet ta' salvataġġ imwettqa minn organizzazzjonijiet privati, ***l-Istati*** Membri ***għandhom jiġu mħeġġa jikkriminalizzaw dawn l-organizzazzjonijiet u jiġġieldu operazzjonijiet illegali ta' tiftix u salvataġġ***.

Or. en

Emenda 320
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi	(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi

tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.	tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet***, speċjalment billi titqies il-vulnerabbiltà ta' dawk il-persuni,*** irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.
	Or. en

Emenda 321
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ ***imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni***, dan ir-Regolament jenħtieġ li ***jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni*** ta' pressjoni migratorja.	(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi ***u n-natura rikorrenti*** tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, dan ir-Regolament jenħtieġ li ***jqis b'mod speċjali l-vulnerabbiltà tal-persuni li jaslu minn tali żbarki. Il-mekkaniżmu biex jitnaqqas ir-riskju*** ta' pressjoni migratorja ***jenħtieġ li jiġi applikat ukoll f'dan il-kuntest, biex jiġi evitat li l-Istati Membri jitgħabbew iżżejjed mill-obbligi legali tagħhom fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ***.
	Or. en

Emenda 322
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi ***proċess speċifiku*** applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.	(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi ***proċedura effettiva*** applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.

Or. en

Emenda 323
Damien Carême

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi ***proċess speċifiku applikabbli għan-nies*** żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet ***irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja***.	(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi ***r-rilokazzjoni immedjata tal-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli inlużi n-nies*** żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 324

Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-dimensjoni esterna.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 325
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn	***imħassar***

u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-dimensjoni esterna.

Or. en

Emenda 326
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-	***imħassar***

dimensjoni esterna.

Or. en

Emenda 327
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-dimensjoni esterna.	***imħassar***

Or. en

Emenda 328
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-dimensjoni esterna.	***imħassar***

Or. en

Emenda 329
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. Il-Kummissjoni	***imħassar***

jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-dimensjoni esterna.

Or. en

Emenda 330
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-***	(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark.

dimensjoni esterna.

Or. en

Emenda 331
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
